



Brussell, 25 ta' Novembru 2021
(OR. en)

13993/21

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0352(NLE)

MAR 219
OMI 98
ENV 898

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	ST 13495/21
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fit-32 Assemblea tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali dwar l-adozzjoni ta' emendi għal-Linji Gwida skont is-Sistema Armonizzata tal-Istħarriġ u ċ-Ċertifikazzjoni

INTRODUZZJONI

1. Fit-3 ta' Novembru 2021, il-Kummissjoni bagħtet il-proposta msemmija hawn fuq lill-Kunsill.
2. Il-proposta tikkonċerna l-istabbiliment tal-pożizzjoni tal-Unjoni li għandha tittieħed matul it-32 sessjoni tal-Assemblea tal-OMI fir-rigward tal-adozzjoni ta' riżoluzzjoni dwar il-Linji Gwida għall-Istħarriġ skont is-Sistema Armonizzata tal-Istħarriġ u ċ-Ċertifikazzjoni (HSSC).
3. Ir-riżoluzzjoni dwar il-Linji Gwida għall-Istħarriġ skont is-Sistema Armonizzata tal-Istħarriġ u ċ-Ċertifikazzjoni (HSSC), li mistennija tiġi adottata matul it-32 sessjoni tal-Assemblea tal-OMI, ser tkun tista' tinfluwenza b'mod determinanti l-kontenut tad-dritt tal-Unjoni, jiġifieri r-Regolament (KE) Nru 391/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹.

¹ Regolament (KE) Nru 391/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar ir-regoli u l-istandards komuni għall-organizzazzjonijiet għall-ispezzjoni u l-perizji tal-vapuri (ĠU L 131, 28.5.2009, p. 11)

ĦIDMA FIL-KORPI PREPARATORJI TAL-KUNSILL

4. Il-proposta ġiet eżaminata mill-membri tal-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport Marittimu fil-laqgħat informali tagħhom fit-8 u l-15 ta' Novembru 2021. Il-proposta ta' kompromess tal-Presidenza ppreżentata f'dik l-aħħar laqgħa ġiet aċċettata mid-delegazzjonijiet.
5. Madankollu, għadd ta' delegazzjonijiet tennew il-pożizzjoni tagħhom li ma jqisux li l-adozzjoni ta' Deċiżjoni tal-Kunsill għal strumenti mhux legalment vinkolanti li għandha tiġi adottata fl-OMI bħala raġonevoli u proporzjonata, kif spjegat f'dikjarazzjoni li saret fil-mument tal-adozzjoni ta' Deċiżjoni tal-Kunsill simili għall-31 Assemblea tal-OMI¹.
6. Il-Kummissjoni esprimiet tħassib dwar xi wħud mill-emendi li saru għall-proposta oriġinali tagħha u ħabbret l-intenzjoni tagħha li tagħmel dikjarazzjoni għall-minuti tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti u tal-Kunsill.
7. Wara l-ftehim milġuq fil-livell tal-grupp ta' ħidma, it-test tal-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill ġie rivedut mis-servizz tal-ġuristi lingwisti tal-Kunsill.

KONKLUŻJONI

8. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jeżamina u japprova l-abbozz ta' deċiżjoni, kif jinsab fid-dokument ST 13964/21, imħejji mill-ġuristi lingwisti, u jibagħtu lill-Kunsill għall-adozzjoni.
9. Il-Parlament Ewropew ser jiġi infurmat bl-adozzjoni f'konformità mal-Artikolu 218(10) TFUE.

¹ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/2008 tat-28 ta' Novembru 2019 (ĠU L 312, 3.12.2019, p. 140). Għad-dikjarazzjoni, ara d-dokument 14211/19 ADD 2.